*-trattament inuman u degredanti*

*-diskriminazzjoni minhabba diżabilita`*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 23 ta' Ġunju 2022**

**Rikors Nru. 31/2020 GM**

**Dr Naged Megally (K.I. 389592M)**

**vs**

1. **Onor. Ministru tas-Saħħa; u**
2. **Celia Falzon fil-kwalita' tagħha ta' Kap Eżekuttiv u in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Dottor Naged Megally (K.I. 389592M)** li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Huwa speċjalista` fil-*fetal medicine* b'karriera mal-isptarijiet pubbliċi li tmur lura sa mis-sena 1993;

2. Ilu għal dawn l-aħħar ħdax-il sena jaħdem bħala *Resident Specialist* fl-Ostetrija u Ġinekoloġija fid-dipartiment tal-Ostetrija u Ġinekoloġija ġewwa l-Isptar Mater Dei;

3. Għandu diżabilita` fiżika u sabiex ikun jista` jwettaq id-dmirijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol, jeħtieġ assistenza fil-mobilita` tiegħu, liema assistenza hija dritt fundamentali tar-rikorrent;

4. Din il-kundizzjoni fiżika qatt ma mpedietu milli jaqdi dmirijietu b'mod professjonali, konsistenti u effiċjenti;

5. Mhux talli l-kundizzjoni fiżika tar-rikorrent qatt ma npediet lir-rikorrent milli jwettaq id-dmirijiet tiegħu fuq ix-xogħol, talli r-rikorrent dejjem eċċella fil-professjoni tiegħu u ta kontribut lokali notevoli, u minn dan kollu bbenefikaw numru kbir ta' pazjenti lokalment;

6. Igawdi minn reputazzjoni eċċellenti u huwa professjonalment rispettat kemm mill-pazjenti tiegħu u kif ukoll minn professjonisti oħra fil-qasam tal-ostetrija u ġinekoloġija;

7. Fl-10 ta' Lulju 2018, waqt il-ħinijiet tax-xogħol u waqt li r-rikorrent kien qiegħed jara l-pazjenti fl- *Ultrasound Clinic* tal-Isptar Mater Dei, il-Professur Yves Muscat Baron talab lir-rikorrent sabiex minnufih jieqaf minn xogħolu u jitlaq 'l barra mill-kamra. Meta mistoqsi mir-rikorrent sabiex jispjega, Muscat Baron informah illi xi ħadd mit-*team* tal-istess Muscat Baron kellu bżonn juża' l-apparat mediku li kien qed juża' r-rikorrent;

8. Meta talab ftit ħin sabiex ikun jista` jara l-pazjenti li kellhom appuntament miegħu, il-Professur Yves Muscat Baron irrifjuta u nsista li r-rikorrent kellu jitlaq immedjatament mill-kamra tal-klinika peress illi, skont Muscat Baron, in vista tad-diżabilita` tiegħu, ir-rikorrent kien qed jieħu wisq ħin sabiex jara l-pazjenti tiegħu;

9. Mistoqsi dwar x'awtorita` kellu sabiex iwaqqaf lir-rikorrent mill-qadi ta' dmirijietu u sabiex ikeċċi lill-istess rikorrent mill-kamra, l-imsemmi professur informa lir-rikorrent illi din id-deċiżjoni kienet ittieħdet minnu u mill-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei ta' dak iż-żmien, Ivan Falzon;

10. Tant kemm kienu ddeterminati illi jitfgħu lir-rikorrent l-barra mill-kamra lanqas stennew il-*porters* jiġu sabiex jassistu lir-rikorrent jitla` fuq is-siġġu tar-roti tiegħu iżda qabbdu u fiżikament ġarrew lir-rikorrent bl-aktar mod umiljanti u inuman u poġġewħ fuq siġġu barra mill-kamra;

11. Dan kollu ġara fil-preżenza ta' pazjenti tar-rikorrent, mingħajr ebda konsiderazzjoni għall-fatt illi r-rikorrent kien qiegħed f'nofs vista u l-ebda konsiderazzjoni wkoll għall-konsegwenzi li tali aġir u rimarki b'referenza lejn id-diżabilita` tar-rikorrent setgħu jħallu fuq ir-reputazzjoni tar-rikorrent;

12. Huwa ampjament ċar illi dan l-aġir versu r-rikorrent, fuq ammissjoni tal-Professur Yves Muscat Baron stess, huwa unikament ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet diskriminatorji relatati mad-diżabilita` tar-rikorrent;

13. Dan l-aġir, lingwaġġ u atteġjament fil-konfront tar-rikorrent huwa diskriminatorju, dispreġjattiv, illegali, abbużiv u jivvjola d-drittijiet tar-rikorrent;

14. In ogni każ, ir-rikorrent jiċħad bl-aktar mod kategoriku illi b'xi mod huwa ma jaqdix dmirjietu b'mod effiċjenti. Mhux talli r-rikorrent dejjem wettaq dmirijietu b'mod tajjeb u effiċjenti, iżda regolarment jara l-istess ammont ta' pazjenti daqs speċjalisti oħra, u meta kien hemm il-ħtieġa, anke ra pazjenti li ma nqdewx minn speċjalisti oħra;

15. Dakinhar stess, wara li seħħ dan kollu, ir-rikorrent ilmenta mal-Kap Eżekuttiv tal-Mater Dei Ivan Falzon dwar l-inċident in kwistjoni u l-mod kif ġie trattat;

16. Madanakollu t-tweġiba ta' Ivan Falzon kienet f'forma ta' theddida versu r-rikorrent illi kemm-il darba r-rikorrent ma kienx ser ibaxxi rasu għal dak li jgħid l-istess Kap Eżekuttiv, ir-rikorrent kien ser jitkeċċa minn xogħolu fl-Isptar Mater Dei. Falzon kompla jgħid illi kien hemm ħafna impjegati f'diversi karigi illi kellhom ibaxxu rashom għal dak li kkmanda l-istess Falzon;

17. Ivan Falzon hedded ukoll illi kemm-il darba r-rikorrent ma kienx ser ibaxxi rasu għal dak li jikkmanda l-istess Ivan Falzon, huwa kien ser iħammeġ ir-reputazzjoni tar-rikorrent billi jippubblika xi informazzjoni dwar ir-rikorrent illi allegatament għandu fil-pussess tiegħu;

18. Ir-rikorrent reġa' kkonfronta lill-Professur Muscat Baron dwar l-inċident in kwistjoni, iżda dan baqa' jippersisti bil-posizzjoni tiegħu illi r-rikorrent ma kienx qed jaqdi dmirijietu sewwa minħabba d-diżabilita` tiegħu;

19. Meta r-rikorrent ġab a konjizzjoni tas-superjur tiegħu dak li kien ġara, huwa ġie mwissi illi jekk kien ser jipproċedi billi jagħmel ilment formali dwar dan li ġara, kien ser jispiċċa jitlef xogħolu mal-isptar Mater Dei;

20. Rinfaċċjat b'dan kollu, r-rikorrent pproċeda billi eskala l-ilment tiegħu mal-intimat Onorevoli Ministru tas-Saħħa u talab illi ssir investigazzjoni fuq dawn l-inċidenti ta' bullying, diskriminazzjoni, fastidju u theddid fil-konfront tar-rikorrent;

21. Sussegwentament saret inkjesta minn bord kompost minn Prof. Charles Savona Ventura, Prof. Raymond P. Galea u Albert P. Scerri u f'Ottubru 2018 inġabru l-provi relattivi;

22. Il-ġbir tal-provi ma sarx b'mod ekwu u ġust, partikolarment stante li r-rikorrent ma ġiex mgħarraf min xehed, x'intqal minn min xehed, bil-konsegwenza illi mhux talli r-rikorrent ma jafx jekk inġabrux il-provi rilevanti, talli lanqas ma ġie mogħti l-opportunita` li jagħmel il-kontro-eżamijiet relattivi;

23. Oltre minn hekk, għalkemm il-provi ġew miġbura f'Ottubru 2018, ir-rikorrent ma ngħatax informazzjoni dwar x'kien qed jiġri bl-inkjesta u kien biss f'Mejju 2019,

wara ħafna insistenzi, li r-rikorrent ġie nfurmat illi l-ilment tiegħu qed jiġi miċħud bħala infondat;

24. Għalkemm ir-rikorrent talab iktar minn darba sabiex jingħata kopja tal-informazzjoni, tal-provi miġjuba u tar-rapport tal-inkjesta sabiex ikun jista' jirregola ruħu dwar din 'l hekk imsejħa inkjesta, l-intimati rrifjutaw milli jipprovdulu dak mitlub, u minflok provdewlu biss il-parti finali tad-deċiżjoni bil-miktub;

25. Din id-deċiżjoni, sintetikament, tgħid illi l-amministrazzjoni tal-Isptar Mater Dei għandha l-jedd talloka r-riżorsi tal-Isptar kif jidhrilha hi, illi Ivan Falzon ma heddidx lir-rikorrent u illi l-aġir tal-Professur Muscat Baron seta' kien "*coarse and bristly*" u li r-rikorrent għandu "*heightened sensitivities*" dwar id-diżabilita` tiegħu;

26. Din l-inkjesta ma ġietx kondotta b'mod ġust u ekwu, u tali nkjesta, naqset milli tindirizza b'mod adegwat l-ilmenti tar-rikorrent;

27. Huwa ċar u inekwivoku mill-mod ta' kif tmexxiet l-inkjesta, illi dan il-Bord li suppost kien indipendenti, aġixxa b'mod preġudikat fil-konfront tar-rikorrent;

28. Wara kollox, dan il-Bord tal-Inkjesta kif kompost, qatt ma seta' jitqies jew jiffunzjona b'mod imparzjali, indipendenti u mingħajr indħil, meta dan inħatar sabiex jinvestiga żewġ individwi li huma s-superjuri ta' żewġ membri tal-istess Bord tal-Inkjesta;

29. Sal-ġurnata tal-llum, ir-rikorrent għad m'għandux kopja ta' dawn id-dokumenti dwar din l-inkjesta illi suppost investigat u indirizzat l-ilmenti tar-rikorrent, b'dan illi mhux talli r-rikorrent ma jistax jirregola ruħu dwar l-istess, iżda effettivament, l-intimati għadhom qed jiġġustifikaw tali aġir abbużiv. Huwa ċar illi l-intenzjoni tal-intimati kienet minn dejjem illi tali inċidenti jibqgħu mistura u illi b'kull mezz possibli ssir salima ma ħalq ir-rikorrent;

30. Minkejja li ġew interpellati diversi drabi formalment, anke permezz ta' protest ġudizzjarju tad-29 ta' Awwissu 2019 sabiex jipprovdu lir-rikorrent b'kopja tal-imsemmi rapport, jieħdu l-passi neċessarji sabiex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet u jassiguraw ruħhom illi dan l-aġir illegali ma jibqax jirrepeti ruħu, huma baqgħu inadempjenti;

31. L-intimati mhux talli ma ndirizzawx dawn in-nuqqasjiiet, iżda baqgħu jippersistu b'dan l-aġir tagħhom u vvittimiżżaw lir-rikorrent talli ressaq l-ilment tiegħu quddiem l-awtoritajiet relattivi;

32. Minflok li l-intimati ħolqu ambjent dinjituż u inklussiv, ħolqu ambjent fejn kollegi u superjuri tar-rikorrent ħassewhom komdi u addirittura kellhom immunita` mill-intimati sabiex liberament jippersegwitaw u jittrattaw lir-rikorrent ħażin;

33. F'dawn l-aħħar xhur, bħala reazzjoni għall-protest intavolat fil-konfront tagħhom, l-intimati jew min minnhom saħansitra ittentaw jitterminaw l-impjieg tar-rikorrent abbażi tad-diżabilita` tiegħu, u għalhekk mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

34. Ir-rikorrent kien u għadu sal-ġurnata tal-lum qed jiġi assoġġettat għal trattament diskriminatorju matul l-impjieg tiegħu abbażi tal-fatt illi huwa persuna b'diżabilita`, liema aġir bl-ebda mod ma huwa ġustifikabbli fuq il-post tax-xogħol;

35. In vista tal-aġir tal-intimati, r-rikorrent sofra u għadu qed isofri minn trattament inuman, umiljanti u degradanti, liema trattament ikkawża ansjeta` kbira fuq ir-rikorrent.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li t-trattament subit mir-rikorrent fuq deskritt jammonta għal trattament inuman u degradanti ai termini tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ezegwibbli loklament permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li d-deċiżjonijiet, azzjonijiet, u nuqqasijiet tal-intimati wasslu għal trattament diskriminatorju minħabba d-diżabilita` tar-rikorrent in vjolazzjoni tal-artiklu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif eżegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tagħti d-direttivi xierqa biex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrent;

4. Tordna lill-intimati biex jimplimentaw dawk ir-rimedji neċessarji biex jitwaqqaf il-ksur tad-drittijiet fuq indikati;

5. Tillikwida ammont ta` kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija;

6. Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tad-29 ta' Awwissu 2019 kontra l-intimati.

Rat ir-Risposta tal-Onorevoli Ministru tas-Saħħa u Celia Falzon fil-kwalita' tagħha ta' Kap Eżekuttiv u in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei li permezz tagħha eċċepew illi :

1. L-esponenti qegħdin jintavolaw dina r-risposta in segwitu tar-rikors kostituzzjonali datat nhar il-ħdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u għoxrin (2020);

2. Preliminarjament, l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kontenuti fl-istess rikors stante li dawn huma infondanti fil-fatt u fid-dritt;

3. Ta' minn wieħed jinnotta li għal xi raġuni, ir-rikorrent intavola dana r-rikors sentejn wara l-allegat inċident;

4. Kwalunkwe pretensjoni u allegazzjoni magħmula hija infondata u mhux veritiera u magħmula biss sabiex tintefa' dell ikraħ fuq l-esponenti u l-operat tal-Isptarijiet;

5. B' rabta mal-ewwel talba, l-esponenti jiddikjaraw minnufiħ li huma ma kisru l-ebda wieħed mill-jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, imsemmija mir-rikorrent fir-rikors tiegħu;

6. Sa fejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 36 u 45(2) tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jiċħdu bil-qawwa kollha li huma qatt ma poġġew lir-rikorrent għal xi trattament inuman jew degredanti;

7. Rigward l-allegat trattament diskriminatorju waqt il-qadi tal-professjoni tiegħu jew xort'oħra, *se mai* jekk sar xi att diskriminatorju, ir-rikorrent irid jqabbel lilu nnifsu ma' ħaddieħor li qiegħed/kien fil-posizzjoni tiegħu, liema prova ma tidher mkien mit-talbiet intavolati;

8. Għalhekk isegwi li anke l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent ma jimmeritawx li jiġu milqugħa;

9. It-tielet talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' ġaladarba dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tipprovdi l-ebda direttivi xierqa sabiex jitħarsu d-drittijiet tar-rikorrent, u dan tenut kont li r-rikorrent seta' adopera ruħhu minn proċeduri diversi sabiex jirregola ruħhu dwar kwistjonijiet personali li allegatament nqalgħu waqt il-qari ta' dmirijietu ma' kollegi tiegħu u/jew diriġenti tiegħu;

10. Isegwi għalhekk li t-tielet talba ma tixraqx li tintlaqa';

11. Dwar ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet, jingħad illi billi jirriżulta li ma seħħet l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-rikorrent, kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża, it-talbiet għar-rimedju effettiv għandhom jiġu miċħuda wkoll.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent.

Rat li l-intimati ma ppreżentawx nota responsiva.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent huwa speċjalista fil-*fetal medicine* b'karriera li tmur lura għas-sena 1993. Għal dawn l-aħħar 13-il sena kien jaħdem bħala *resident specialist* fl-Ostetrija u Ginekoloġija fid-dipartiment tal-Ostetrija u Ginekoloġija fl-isptar Mater Dei.

Għandu diżabilita` fiżika u sabiex ikun jista` jwettaq id-dmirijiet tiegħu fuq il-post tax-xogħol, jeħtieġ assistenza fil-mobilita` tiegħu.

Jirriżulta mill-provi akkwiżiti – fatt li ma ġiex ikkontestat mill-intimati – li fl-10 ta' Lulju 2018 waqt li kien qiegħed jara pazjenta waqt il-ġurnata tax-xogħol tiegħu fi klinika ġewwa l-Isptar Mater Dei, daħal il-Professur Yves Muscat Baron (illi huwa l-Kap tad-Dipartiment li fih jaħdem l-esponenti) u ordnalu joħroġ mill-klinika immedjatament għaliex Mr Rifad (illi jagħmel l-istess xogħol bħall-esponenti) kellu ħsara fl-apparat tal-*ultrasound* tiegħu. Ir-rikorrent talbu jtih ċans sabiex ilesti lill-pazjenti li kien għad baqagħlu u li kienu qed

jistennew barra, iżda Muscat Baron irrifjuta. Qallu li huwa kien ser idum wisq minħabba d-diżabilita' illi għandu. Quddiem kulħadd beda jgħajjat: "oħorġuh 'l barra". Minflok li stenna lill-*porters* jaslu sabiex jassistu lir-rikorrent jitla` fuq is-siġġu tar-roti tiegħu, staff tal-Isptar qabdu u fiżikament ġarrew lir-rikorrent bl-aktar mod umiljanti u inuman u poġġewħ fuq siġġu barra mill-kamra.

Dan kollu seħħ fil-preżenza ta' pazjenti tar-rikorrent, mingħajr ebda konsiderazzjoni għall-fatt illi r-rikorrent kien qiegħed f'nofs vista u l-ebda konsiderazzjoni wkoll għall-konsegwenzi li tali aġir u rimarki b'referenza lejn id-diżabilita` tar-rikorrent setgħu jħallu fuq ir-reputazzjoni tar-rikorrent.

Dawn il-fatti ġew ikkonfermati mis-sinjura Daniella Karadol, li kienet il-pazjenta li kien qiegħed jeżamina r-rikorrent meta ġie mkeċċi. Xehdet f'dawn il-proċeduri permezz ta' affidavit[1], u ma ġietx ikkontro-eżaminata. Ikkonfermat *inter alia* li l-Professur Muscat Baron qal lir-rikorrent li kien qiegħed idum ħafna mal-pazjenti minħabba d-diżabilita' tiegħu. Ir-reazzjoni tagħha għal dan id-diskors kienet waħda ta' xokk, u fil-fatt il-Professur Muscat Baron staqsiha kinitx Maltija peress li assuma li kienet barranija u allura ma kinitx qed tifhem dak li kien qiegħed jingħad.

Mistoqsi dwar x'awtorita` kellu sabiex iwaqqaf lir-rikorrent mill-qadi ta' dmirijietu u sabiex ikeċċi lill-istess rikorrent mill-kamra, l-imsemmi Muscat Baron informa lir-rikorrent illi din id-deċiżjoni kienet ittieħdet minnu u mill-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei ta' dak iż-żmien, Ivan Falzon.

---

[1] Dok. NM2 anness man-nota ppreżentata nhar is-26 ta' Lulju 2021.

Ir-rikorrent jallega – u f'dan ma ġiex kontradett – li Ivan Falzon heddu kemm-il darba li jekk ma kienx ser ibaxxi rasu għal dak li jikkmanda l-istess Ivan Falzon, huwa kien ser iħammeġ ir-reputazzjoni tar-rikorrent billi jippubblika xi informazzjoni dwar ir-rikorrent illi allegatament kellu fil-pussess tiegħu.

Fuq ordni tal-Ministru tas-Saħħa, saret inkjesta nterna dwar l-inċident minn bord kompost minn Prof. Charles Savona Ventura, Prof. Raymond P. Galea u Albert P. Scerri u f'Ottubru 2018. Għalhekk il-Bord kien kompost minn dipendenti, subordinati li kellhom jinvestigaw lis-superjuri tagħhom. Filwaqt illi l-Bord bagħat għal xhieda illi ġew indikati mill-Isptar, huwa ma ħassx illi kellu jibgħat għal xhieda illi ġew indikati minn Dr Megally.

Għalkemm il-provi ġew miġbura f'Ottubru 2018, ir-rikorrent ma ngħatax informazzjoni dwar x'kien qed jiġri bl-inkjesta u kien biss f'Mejju 2019, wara ħafna insistenzi, li r-rikorrent ġie nfurmat illi l-ilment tiegħu qed jiġi miċħud bħala infondat.

Ċertu Dr Busuttil kien ta lill-esponenti kopja fotostatika tal-konklużjoni tal-Inkjesta in kwistjoni[2], u li għalkemm staqsa għal kopja sħiħa tar-rapport tal-inkjesta, huwa ma ingħatax dan. Ir-rikorrent seta' jara li r-rapport kien f'*booklet* li kellu fl-uffiċċju tiegħu Dr Busuttil u li din id-deċiżjoni kienet tinsab fl-aħħar paġna tal-istess *booklet*.

[2] Kopja ta' liema ġiet ippreżentata in atti u mmarkata bħala Dok. NMZ. (tinsab ukoll fil-proċess immarkata bħala Dok. MN1)

Il-Bord dehrlu illi kellu jikkonferma li mhux talli dawk li trattaw lill-esponenti ħażin ma għamlu xejn ħażin, iżda skont il-Bord, kien tort tal-esponenti għax huwa sensittiv.

Fis-seduta ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2021, ix-xhud Marcelle Galea (rappreżentant tal-intimat Onor. Ministru għas-Saħħa) ippreżentat kopja tar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta in kwistjoni. Il-konklużjoni tar-rapport ippreżentat mir-rappreżentant tal-Ministru tas-Saħħa hija differenti minn dik illi kienet ingħatat lir-rikorrent, u speċifikament ġew imneħħija l-kliem "*rather heightened*" b'referenza għas-*sensitivities* illi l-Bord tal-inkjesta ikkonkluda illi l-esponenti għandu fir-rigward tad-diżabilita` tiegħu.

Il-Professur Charles Savona Ventura kkonferma l-firma tiegħu fuq iż-żewġ verżjonijiet tal-konklużjoni tal-Inkjesta (dik ippreżentata mill-esponent immarkata Dok. MN1[3] u dik ippreżentata mir-rappreżentant tal-Onor Ministru tas-Saħħa), iżda ma kellux spjegazzjoni għalfejn kien hemm din id-differenza fil-verżjoni ippreżentata mill-intimati fil-Qorti. Madanakollu kkonferma illi l-esponenti nħareġ 'l barra mill-klinika minħabba l-allegati limitazzjonijiet tiegħu marbuta mad-diżabilita` u li apparti d-diżabilita', ma kien hemm ebda fattur ieħor abbażi ta' liema ttieħdet id-deċiżjoni illi r-rikorrent kellu jivvaka l-klinika tiegħu sabiex jidħol Mr Riffat.

Wara li lmenta dwar it-trattament li kien irċieva, l-awtoritajiet tal-Isptar Mater Dei ippruvaw ikeċċu lir-rikorrent abbażi ta' *boarding out* minħabba d-diżabilita' tiegħu. L-esponenti xehed illi ġie a konjizzjoni tal-fatt, ossia dawn it-tentattivi sabiex il-konsulenti kollha fi ħdan id-Dipartiment tal-Ostetriċja u l-Ġinekoloġija bi qbil bejniethom ikeċċu lill-esponenti. Dan l-attentat ma

[3] Tinsab fil-proċess ukoll immarkata Dok. NMZ

mmaterjalizzatx għaliex kien hemm il-konsulent Dr Alberto Vella illi qabeż għar-rikorrent u nsista li din titwaqqaf għaliex ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn ir-rikorrent kellu jitkeċċa minn xogħolu.

Fil-mori ta' din il-kawża, saru diversi allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent illi kien qiegħed jagħmel żbalji peress illi għandu diżabilita` u għalhekk ma jistax jagħmel xogħolu. Fil-fatt huwa ġie sospiż mill-impjieg fit-12 t' Ottubru tas-sena 2021 qabel saret xi forma ta' investigazzjoni u għadu preżentement f'din is-sitwazzjoni. Il-Professur Muscat Baron xehed illi s-sospensjoni saret minħabba allegati nuqqasijiet, u dan fuq rakkomandazzjoni tiegħu stess; u li din kienet l-ewwel darba sa minn meta r-rikorrent beda jaħdem fl-isptarijiet pubbliċi illi kellu akkużi ta' din in-natura fil-konfront tiegħu.

Professur Charles Savona Ventura jgħid illi n-numru limitat ta' każijiet illi kien jingħata biex jagħmel ir-rikorrent huwa riżultat tad-diżabilita' tiegħu, għaliex kien jieħu iżjed żmien biex jagħmel każ individwali. Madanakollu jgħid illi l-Bord ma ħax konjizzjoni tal-listi ta' pazjenti miġjuba quddiemu sabiex jivverifika jekk huwiex minnu dak allegat li l-esponent ma huwiex effiċjenti daqs ħaddieħor (u addirittura dawn ma ġewx inklużi fir-rapport tal-inkjesta).

Dr Alberto Vella xehed ukoll f'dawn il-proċeduri permezz ta' affidavit[4] u kkonferma li huwa jaħdem qrib mar-rikorrent u qatt ma kellu tħassib dwar il-kapaċitajiet tar-rikorrent, għaliex minkejja d-diżabilita' tiegħu, dejjem kien kapaċi jaqdi dmirijietu daqs tobba oħra. Ix-xhud ma ġiex ikkontro-eżaminat.

[4] Li ġie anness ma' nota preżentata in atti nhar it-12 ta' Jannar 2022 u mmarkat bħala Dok. AV1.

Il-Professur Yves Muscat Baron xehed illi r-rikorrent kien jiġi allokat numru ferm inqas ta' pazjenti mill-kollegi tiegħu, u dan għaliex ix-xhud **assuma** li dan kien meħtieġ minħabba l-kondizzjoni tiegħu, senjatament id-diżabilita` tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li wara li ġara l-inċident in kwistjoni, in-numru ta' pazjenti fuq il-lista tar-rikorrent żdied b'mod sostanzjali.

Kif xehed ir-rikorrent stess, l-inċident in kwistjoni kellu impatt negattiv u qawwi mhux biss fuq il-ħajja personali tiegħu, iżda anke fil-ħajja lavorattiva tiegħu; u kkawżalu ansjeta`. Skont Dr Lina Janulova illi tgħid illi l-incident ħalla lill-esponent "in an emotionally distressed state".

Rigward l-eċċezzjoni li hemm rimedji alternattivi, il-Qorti mhix sodisfatta li r-rikorrent kellu għodda proċedurali oħrajn effettivi x'jagħżel. Fi kwalunkwe każ, hija għandha, *ex*-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni, diskrezzjoni ħielsa f'dan ir-rigward, anke kemm-il darba jidhrilha li tabilħaqq jeżistu rimedji alternattivi adegwati.[5]

L-ewwel ilment tar-rikorrent hu li sofra trattament inuman u degradanti skont Art. 36 tal-Kostituzzjoni u Art. 3 tal-Konvenzjoni.

Skont il-Qorti ta' Strasburgu, in re: *Ireland v United Kingdom*, li ġiet segwita fil-maġġor parti tal-każijiet sussegwenti dwar Art. 3, **it-trattament ħażin** irid ikun ta' ċerta severita`,[6] li tiddependi miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, bħal kemm

[5] Ara *Colin Trundell v Ministru għall-Affarijiet Barranin* 22.04.1991 Qorti Kostituzzjonali LXXV.i.201 iċċitata minn Tonio Borg, *A Commentary on the Constitution of Malta* paġna 263 u l-kummenti tal-istess awtur.
[6] Hekk ukoll qalet il-Qorti Kostituzzjonali in re: *Bonello v Prim Ministru* 08.05.2001.

iddum, l-effetti fiżiċi u mentali li tikkawża,[7] u, f'ċerti każijiet, is-sess, eta` u l-istat ta' saħħa tal-vittma.[8] Iktar tard ġew introdotti żewġ elementi oħra: l-għan li għalih ikun sar it-trattament ħażin u l-kuntest li fih ikun ġie magħmul.[9] L-għan huwa partikolarment rilevanti, fis-sens jekk il-miżura tfissirx disprezz u nuqqas ta' rispett għall-personalita` tal-vittima, u jekk l-iskop kienx li vittma jiġi umiljat jew imċekken, jew kienx hemm xi skop ieħor.[10]

Trattament ikun **degradanti** jekk javvilixxi lill-individwu jew iqanqal sens ta' biża', inkwiet jew inferjorita` tali li jistgħu jegħlbu r-reżistenza morali jew fiżika tiegħu, anke fl-assenza ta' ħsara fiżika fil-moħħ jew fil-ġisem. Id-differenza bejn trattament **inuman** u trattament **degradanti** tinstab fis-severita` tal-att u tal-effetti tiegħu. F'ħafna każijiet, il-Qorti ta' Strasburgu ma tapplikax din id-distinzjoni, u tirreferi għal trattament ħażin bħala "*inhuman or degrading*".[11]

It-tkeċċija tar-rikorrent, li huwa persuna vulnerabbli, quddiem il-pazjenti tiegħu, akkumpanjata b'għajjat u vjolenza, u kummenti dwar id-diżabilita` tiegħu, u li seta` kellu effett fuq ir-reputazzjoni tiegħu; il-fatt li l-inċident ikkawżalu ansjeta` kbira, u kellu mpatt qawwi fuq il-ħajja personali u professjonali tiegħu; it-theddid li jekk jilmenta jitkeċċa minn fuq xogħolu; l-attentat biex jitkeċċa meta lmenta; l-inkjesta minn persuni subalterni tal-istess kap tad-dipartiment li kellhom jinvestigaw; in-nuqqas ta' trasparenza li biha mxiet l-inkjesta; u s-sospensjoni mix-xogħol meta l-pjan ta' tkeċċija ma rnexxiex fihom l-ingridjenti kollha ta' trattament inuman u degradanti u huma verament ta' għajb kbir, iktar u iktar għaliex inflitt minn membri tal-professjoni medika – li hija *a caring*

[7] Fl-istess sens il-Qorti Kostituzzjonali in re: *Vella v Kummissarju tal-Pulizija* 05.04.1991.
[8] EctHR(GC) 18.01.1978, para. 162.
[9] Ara per eżempju *Khaifia and Others v Italy* EctHR 15.09.2015 para. 160.
[10] Karen Reid, *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights,* 5th ed., paġna 1020.
[11] Pieter van Dijk et., *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* 5th ed. Paġna 391.

*profession* marbuta bil-ġurament Ipokratiku – u kap eżekuttiv ta' sptar tal-Istat Malti.

Artiklu 45(1) tal-Kostituzzjoni jiprojbixxi kull tip ta' diskriminazzjoni. Artiklu 14 tal-Konvenzjoni jiprojbixxi d-diskriminazzjoni u jagħti eżempji speċifiċi. Ġie deċiż li l-eżempji mhumiex eżawrjenti.[12] Għalkemm fost dawn l-eżempji m'hemmx id-diżabilita`, mhemmx dubju li għandha tiġi nkluża.

Diskriminazzjoni għandha tfisser trattament differenti lil persuni li huma f'sitwazzjoni simili mingħajr ġustifikazzjoni valida u oġġettiva.[13]

Ġie stabbilit li r-rikorrent kapaċi jaħdem daqs ħaddieħor minkejja d-diżabilita` tiegħu.

L-iżgumbrament tar-rikorrent mill-klinika tiegħu; it-tentattiv tat-tkeċċija tiegħu; u s-sospenzjoni tiegħu saru unikament minħabba d-diżabilita` tiegħu; u ċertament ma kinux iġġustifikati stante l-kontribut siewi li r-rikorrent dejjem ta lis-servizz tal-isptar minkejja d-diżabilita` tiegħu.

Skont Art. 181B(1) tal-Kap 12, fl-azzjonijiet ġudizzjarji l-Gvern għandu jkun rappreżentat mill-kap tad-dipartiment inkarikat mill-materja in kwistjoni. Għalhekk il-Ministru tas-Saħħa mhux leġittimu kontradittur.

---

[12] *Henley v Prim Ministru* 15.12.2002 Prim'Awla (Kost.)

[13] *D.H. and Others v The Czech Republic* 13.11.2007 para 33. fost oħrajn. Ara wkoll *Albert Pace Cole v Chairman Maltacom plc* 26.02.2004 Prim'Awla kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-25.04.2005; iċċitata minn *Ivan Vella v Avukat Generali* 25.11.2011 Qorti Kostituzzjonali.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tillibera lill-Ministru tas-Saħħa mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li t-trattament subit mir-rikorrent fuq deskritt jammonta għal trattament inuman u degradanti ai termini tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif esegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li d-deċiżjonijiet, azzjonijiet, u nuqqasijiet tal-intimati wasslu għal trattament diskriminatorju minħabba d-diżabilita` tar-rikorrent in vjolazzjoni tal-artiklu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif eżegwibbli lokalment permezz tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba billi tordna b'effett immedjat ir-*restiutio in integrum* u ċjoe` t-tneħħija tas-sospensjoni tar-rikorrent mill-post tax-xogħol tiegħu; ir-ritorn tiegħu fuq il-post tax-xogħol bl-istess kariga u bl-istess xogħol li kellu qabel l-inċidenti in kwistjoni; l-għoti tal-parti tas-salarju u benefiċċji oħra li setgħu tneħħewlu minħabba s-

sospensjoni, u t-tneħħija ta' kwalunkwe passi dixxiplinarji li hemm kontra tiegħu.

5. Tilqa' l-ħames talba billi tillikwida ammont ta' €5,000 (ħames elef euro) kumpens non-pekunjarju għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.

6. Tilqa' s-sitt talba billi tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tad-29 ta' Awwissu 2019 kontra l-intimata Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF